TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 233/13/GB

**Georgina Meli**

**vs**

**Lilywhite Laundry & Drycleaning**

Illum 22 ta' Jannar 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-11 ta' Ottubru, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' mitejn u hames Ewro (€205.00)) rapprezentanti l-prezz ta' libsa, liema libsa giet iddanneggjata meta nhadet ghand is-socjeta' ntimata ghas-servizz tad-dry cleaning.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet hadet libsa ghas-servizz tad-dry cleaning ghand is-socjeta' ntimata, wara li kienet libsitha darba biss ghal tieg gurnata qabel. Meta hija marret sabiex tigbor il-libsa gimgha wara, is-socjeta' ntimata kienet informatha illi l-libsa kienet ghadha mhijiex lesta. Ir-rikorrenti baqghet tmur kull gimgha ghaliex meta suppost kienet lesta ma kienitx giet kif suppost. Ir-rikorrenti baqghet tmur ghaliha, pero' s-socjeta' ntimata dejjem informatha illi ma kienitx lesta, sa fl-ahhar bdiet tghid lir-rikorrenti li l-libsa kienet giet tajba. Ir-rikorrenti baqghet tinsisti illi l-libsa ma kienitx giet kif suppost. Ir-rikorrenti baqghet ma accettatx lura l-libsa, u talbet il-flus lura.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21235888

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta s-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja tar-ricevuta ta' meta xtrat il-libsa in kwistjoni, li giet immarkata bhala Dok.GM1.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrenti, billi ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata, u jikkonkludi, hekk skond il-provi, illi s-socjeta' ntimata naqqset b'mod kbir fis-servizz taghha lejn ir- rikorrenti konsumatur, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' mitejn u hames Ewro (€205.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**